21 Marzu 2007

**Il-Vici Prim Ministru Tonio Borg fl-Awstralja**

L-ahbar illi it-tieni generazzjoni mweldin fl-Awstralja jistghu isiru cittadini Maltin intlaqghet b`entuzjazmu kbir mill-Maltin ta` l-Awstralja li esprimew sodisfazzjon ghal dan il-pass mal-Vici Prim Ministru Tonio Borg li bhalissa qed jaghmel zjara fl-Awstralja. Il-Vici Prim Ministru intlaqa` b`entuzjazmu mill-Maltin gewwa l-Awstralja kemm f`Melbourne kif ukoll f`Canberra. Il-Hamis huwa mistenni li jasal f`Sydney.

Matul iz-zjara tieghu f`Melbourne il-Vici Prim Ministru ghan-nom tal-President ta` Malta ikkonsenja midalja 'Qadi tar-Repubblika' lil Carmen Testa illi qattghet hafna zmien tghin lill-Maltin jintegraw ruhom fil-hajja Awstraljana. Ic-cerimonja saret fil-Maltese Cultural Centre Albion, Victoria. F'Melbourne il-Vici Prim Ministru iltaqa` ukoll mal-Prim Ministru ta` l-Istat ta` Victoria, Steve Bracks**.** Matul din  il-laqgha il-Vici Prim MInistru Borg irringrazzja lill-awtoritaijiet Awstraljani kemm statali kif ukoll federali, ghall-ligi gdida Awstraljana illi tippermetti lil Maltin sabiex jergghu jakkwistaw ic-cittadinanza Awstraljana meta jkunu irrninunzjaw ghaliha.

F`Mellbourne il-Vici Prim Ministru inltaqa` b`ospitalita` kbira mill-Comnunity Council ta` Victoria immexxi mill-Konslu Onorarju Victor Borg; Dr Victor Borg, li jahdem bhala avukat f`Victoria, irringrazzja pubblikamnent lill-Gvern u lil-poplu ta` |Malta ghall-pass li ha li jestendi ic-cittadinanza Maltija lit-tieni generazzjoni mwielda barra minn Malta. Il-Vici Prim Ministru zar ukoll il-Klabb tal-Ghannejja Maltin u l-Hobsons Bay Maltese Association kif ukoll ghamel zjara lil Rosary Home immexxija mis-sorijiet Dumiikani fejn joqoghdu 50 anzjan li jiehdu hsiebhoim is-sorijiet Dumnikani immexxija minn Sister Doris Falzon. Fl-ahhar taz-zjara tieghu f`Victoria il-Vici Prim Ministru gie milqugh mill-Gvernatur ta` l-Istat ta` Victoria David de Krester f`Government House Melbourne,

Wara jumejn f`Melbourne il-Vici Priministru mar fil-belt kapitali Federali Canberra. Hemmhekk huwa kellu laqgha mal-Ministru Federali responsabbli mill-Immigrazzjoni, Kevin Andrews f`Parliamentment House.

Fil-Kummissjoni Gholja huwa iltaqa` mal-familji Maltin li jghixu f`Canberra u mal-President tal-Assocjazzjoni tal-Maltin is-Sur Alfred Flask. Iktar tard mistenni jiltaqa` ukoll mal-Ministru ta’ l-Affarijiet Barranin Alexander Downer.

Iz-zjara fl-Awstralja tal-Vici Prim Ministru tkompli f'Sydney, New South Wales.